MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 873/2011

**Domenico *sive* Dominic Sciberras**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-5 ta' Settembru 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent maħruġ mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Malta bin-numru progressiv t'iskrizzjoni 1324 tas-sena 1938 (hawn anness, esebit, u mmarkat bħala Dokument A), fil-kolonna ntitolata "Ismijiet mogħtijin", l-isem tiegħu huwa ndikat bħala "Domenico" mentri effettivament huwa dejjem kien magħruf bħala "Dominic".

Illi fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent maħruġ mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Malta bin-numru progressiv t'iskrizzjoni 1324 tas-sena 1938 (hawn anness u mmarkat bħala Dokument A) l-isem tiegħu, fil-kolonna ntitolata "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa", huwa mniżżel bħala "Domenico", mentri effettivament huwa dejjem kien magħruf bħala "Dominic".

Illi minn meta twieled ir-rikorrent dejjem kien magħruf bl-isem ta' "Dominic" u konsistentement kien imsejjaħ u magħruf bih u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża (ara affidavit tar-rikorrenti hawn anness u mmarkat bħala Dokument B).

Illi fiċ-Ċertifikat taż-Żwieġ isem l-esponent huwa mniżżel bħala "Dominic Sciberras", kif jirriżulta miċ-Ċertifikat taż-Żwieġ li qiegħed jiġi hawn anness, esebit u mmarkat bħala "Dokument C".

Illi l-esponent *sia* fost il-familja u *sia* fost il-konoxxenti tiegħu kien dejjem magħruf bħala "Dominic" u dan huwa rifless fid-dokumenti uffiċjali (fosthom il-Passaporti tiegħu li kopja tagħhom qedgħin jiġu annessi hawn, immarkati bħala Dokument D, (passaport Awstraljan) u Dokument E (Passaport Ingliż) rispettivament;

Illi *inoltre*, l-esponent jgħix barra minn Malta fejn huwa magħruf fuq kull dokument uffiċjali bħala "Dominic" kif jirriżulta *inter alia* mill-liċenzja tas-sewqan tiegħu (li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument F), d-dokument t'identita' Awtraljan (li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkat bħala Dokument G), u d-dokument uffiċjali tal-impjieg tar-rikorrenti, u ċjoe' dak "Justice of Peace" fl-istat ta' Victoria l-Awstralja (li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkat bħala Dokument H).

Illi tali inkonsistenza kkawżat u qed tikkawża diffikultajiet prattiċi u proċedurali lir-rikorrenti;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li huwa magħruf bħala ‘Dominic’ u jismu ‘Dominic’;

2. Tordna lill-konvenut sabiex jeffettwa s-segwenti korrezzjonijiet fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru progressiv t’iskrizzjoni elf, tlett mija u erbgħa u għoxrin tas-sena elf, disa’ mija u tmienja u tletin (1324/1938) sabiex:

(i) fil-kolonna ntitolata “Ismijiet mogħtijin” flok “Domenico, Francesco, Giovanni, Paolo” jitniżżel “Dominic, Francis, John, Paul”.

(ii) fil-kolonna ntitolata “Isem jew Ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa”, flok “Domenico” jitniżżel “Dominic”.

u tawtorizza u tordna wkoll

(iii) kull modifika oħra in vista tal-ewwel u t-tieni talba, u jekk ikun opportun, f’kull att ieħor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fl-24 ta’ Ottubru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f’għajnejn il-liġi;

Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esebiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrenti huwa magħruf bħala Dominic kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti trid tressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits ta' familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tiegħu *ossia* li tul ħajtu huwa kien konsistentement msejjaħ bħala Dominic u mhux Domenico;

Illi bla ħsara għal premess biex it-tielet talba attriċi tkun tista' tintlaqa' r-rikorrenti, a tenur tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li huwa qiegħed jagħmel riferenza għalihom;

Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, Riccardo Sciberras, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit u semgħet ix-xhud;

Rat id-digriet li permezz tiegħu ġew awtorizzata l-korrezzjonijiet mitluba;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-7 ta' Diċembru 2011 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

It-talba attriċi hija ġustifikata billi l-attur dejjem kien magħruf bħala **Dominic** u mhux kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Filwaqt li l-Qorti tifhem li l-konvenut għandu d-dover li joħroġ iċ-ċertifikati skond dak oriġinali, tħoss li l-bżonn li bniedem jagħmel kawża biex issir sempliċi traduzzjoni tal-isem hija żbriga żejda għalih.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif korretti.**

**L-ispejjeż tal-kawza jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------